MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2009

Numru. 257/2009

Il-Pulizija
(Sp Daniel Zammit)
vs
Richard Muscat, iben Mario, imwieled Pieta’ fl-10 ta’ Diċembru, 1990
u
Christopher Camilleri, iben Anthony, imwieled Pieta’ fit-3 ta’ Settembru, 1992

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –
1. talli fil-Qawra, fis-16 ta’ Marzu, 2009 għal habta ta’ nofs il-lejl neqsin kwart, bil-ħsieb li jagħmlu delitt u cioe’ serq minn ġewwa ‘Champion Kiosk’, Triq il-Qawra, Qawra għad-dannu ta’ Joseph Tanti, urew dan il-ħsieb b’atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt

ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħhom u li kieku seħħ kien ikun ikkwalifkat bil-mezz, bil-valur li jaqbeż €2,329.37 u bil-ħin;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għa iżjed minn €1,164.69 liema ħsara saret għad-dannu ta' Joseph Tanti;

3. lil Richard Muscat, waħdu –

bi ksur tal-Probation a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta fejn kien ġie misjub ħati b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u liberat bil-kondizzjonijiet kontemplati fl-istess artikolu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Marzu, 2009 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta' l-imputati bil-ġurament.

Għaldaqstant, issib lill-imputat **Richard Muscat** ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(ċ)(f), 264, 267, 270, 278(1)(2)(3) u 325(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat ammetta l-ħtija tiegħu fl-ewwel udjenza ta' din il-kawża. L-eta' tiegħu u il-fatt li wera lill-Qorti li ser ikompli jistudja bi profit. Tinnota l-fedina penali ta' l-istess imputat iżda hi tal-fehma li tenut kont ta' l-imġieba ta' l-imputat, il-fatt li kkopera mal-pulizija u li din il-persuna għad tista' tiġi ntegrat sew fit-tessut soċjali din il-Qorti mhiex tal-fehma li għandha tapplika piena karċerarja iżda tagħti l-aħħar opportunita' biex Richard Muscat jirriforma ruħu verament. Għalhekk, ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-ħruġ ta' Ordni ta' Probation għal żmien tlett snin mil-lum. Fil-konfront ta' **Christopher Camilleri**, issibu ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(ċ)(f), 264, 267, 270, 278(1)(2)(3) u 325(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat ammetta l-ħtija tiegħu fl-ewwel

udjenza ta’ din il-kawża.  Il-fatt li għadu minuri u il-fedina penali netta.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmlix reat ieħor fi żmien tmintax il-xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------